# 75 sena mit-twaqqif tal-Fratellanza tal-Madonna tad-Duluri fil-parroċċa tagħna

## Id-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Duluri

Id-devozzjoni lejn id-Duluri fir-raħal ta' Ħal Qormi tmur lura għal snin twal, saħansitra minn qabel ma twaqqfet il-parroċċa ta' San Sebastjan. Fil-fatt ġewwa l-knisja ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi tinstab pittura fuq l-injam li jingħad li hija l-eqdem pittura ġewwa Malta li għandha din it-tema u li tmur lura għall-bidu tas-seklu ħmistax. Id-devozzjoni lejn Marija Addolorata ġewwa l-ġżejjer Maltin kompliet tikber maż-żmien u eventwalment din irriżultat fil-formazzjoni ta' fratellanzi tad-Duluri ġewwa diversi parroċċi f'Malta, li min-naħa tagħhom komplew jgħinu sabiex tikber id-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Duluri, u dan beda jsir anke permezz tal-purċissjonijiet li bdew jorganizzaw dawn il-fratellanzi, kemm fil-festa tad-Duluri f'Settembru, kif ukoll fit-tifkira tad-Duluri ta' Maria Santissma li ssir fil-ġimgħa ta' qabel il-Ġimgħa l-Kbira.

## Il-Fratellanza tal-Madonna tad-Duluri

Nistgħu ngħidu li l-iktar fratellanza żagħżugħa tad-Duluri ġewwa pajjiżna hija l- fratellanza tal-Madonna tad-Duluri fi ħdan is-sodalità San Sebastjan fil-Parroċċa tagħna. Din il-fratellanza rat il-bidu tagħha fis-sena 1937, propju 75 sena ilu, sena biss wara li twaqqfet il-parroċċa ta' San Sebastjan. Kienet propju d-devozzjoni tal-parruċċani ta' dawk iż-żminijiet lejn id-Duluri li tat din l-ispinta sabiex titwaqqaf fratellanza tal-Madonna tad-Duluri. Ta' min jgħid ukoll li l-fratellanza tad-Duluri ħadet ħsieb li jkollha wkoll il-vara tagħha, għalhekk, fl-istess sena li twaqqfet din il-fratellanza ġie kkummissjonat l-artist Wistin Camilleri Cauchi, li sawwar il-vara tal-kartapesta li turina lill-Madonna Addolorata bilwieqfa, bi stallett li qiegħed jinfdilha qalbha. Din il-vara ġiet imħallsa



*Id-Duluri li saret minn Wistin Camilleri Cauchi*

"...qabel ma ssawret il-vara tad-Duluri l-wieqfa tal-fratellanza, il-purċissjoni ta' Settembru fil-parroċċa kienet issir b'istatwa tad-Duluri oħra tal-kartapesta ... li jingħad li qabel kienet tagħmel parti minn vara kbira"




*Il-vara tad-Duluri, xogħol Xandru Mallia*

"Ġużeppi Caruana magħruf bħala l-Marċjol, kien biddel l-anġlu u jingħad ukoll li biddel il-wiċċ flimkien mal-idejn u sieq il-Madonna."



mill-familja magħrufa bħala ta' Nazju, u bdiet tintuża sabiex toħroġ proċessjonalment fil-purċissjoni tal-Madonna tad-Duluri li kienet toħroġ fit-toroq tal-parroċċa tagħna fil-festa tad-Duluri fix-xahar ta' Settembru. Sabiex jikkumplimenta lil din il-vara kien inxtara pedestall tal-injam maħdum minn Xandru Farrugia li qabel kien jintuża għall-vara ta' San Pawl ġewwa Ħal Safi. Ta' min isemmi wkoll li qabel ma ssawret il-vara tad-Duluri l-wieqfa tal-fratellanza, il-purċissjoni ta' Settembru fil-parroċċa kienet issir bi statwa tad-Duluri oħra tal-kartapesta, li bħal dik ta' Wistin Camilleri Cauchi, iġġib il-figura ta' Maria Addolorata bilwieqfa taħt is-salib b'sejf jinfdilha qalbha, li jingħad li qabel kienet tagħmel parti minn vara kbira. Fil-fatt pariġġ din l-istatwa hemm ukoll statwa ta' San Ġwann u kurċifiss kbir.

## Il-Vara tad-Duluri

Id-devozzjoni lejn id-Duluri kompliet dejjem tiżdied u fis-sena 1948 waslet fil-parroċċa ta' San Sebastjan il-vara tad-Duluri bilqiegħda fuq blata taħt is-salib, xogħol Xandru Mallia li kien magħruf bħala l-Lhudi. Tikkumplimenta din l-istatwa kien hemm ukoll puttin bilqiegħda ħdejn il-Madonna li f'idejh qiegħed iżomm kuruna tax-xewk u l-imsiemer. Din il-vara bdiet toħroġ proċessjonalment fil-festa tad-Duluri li ssir ġimgħa qabel il-Ġimgħa l-Kbira u għadha toħroġ sal-lum il-ġurnata. Iktar 'il quddiem din l-istatwa kienet ġiet irranġata mill-artist Ġużeppi Caruana magħruf bħala l-Marċjol, li kien biddel l-anġlu u jingħad ukoll li biddel il-wiċċ flimkien mal-idejn u sieq il-Madonna. Il-fratellanza tad-Duluri kienet tieħu ħsieb iżżejjen lil din il-vara bl-isbaħ mod, u dan kien isir ukoll b'kitba bil-fjuri "*mater dolorosa*" li kienet tintrama fuq il-bradella fil-festa tad-Duluri, kif ukoll il-blata li fuqha sserraħ il-Madonna kienet tinkesa bil-fjuri. Aktar 'il quddiem lil din il-vara kien ukoll sarilha salib tal-ebbanu interzjat minn Emanuel Montesin, is-salib li jintrama fuq il-vara meta toħroġ proċessjonalment. Ta' min jgħid ukoll li din is-sena ġew irranġati xi ħsarat li ġarrbet il-vara matul iż-żmien, u għalhekk ġiet infurzata l-blata, l-istruttura li żżomm is-salib kif ukoll il-

baži tal-vara. Dan ix-xogħol sar mill-artist Qormi Stephen Borg.



*Xogħol ta' restawr fuq l-istatwa tad-Duluri mill-artist Stephen Borg*

Il-purċissjoni tad-Duluri fil-parroċċa tagħna hija purċissjoni li tiġbed ħafna nies u li fiha timmanifesta d-devozzjoni li hawn fil-parroċċa tagħna lejn Santa Marija Addolorata. Għalhekk ta' kull sena, waqt il-purċissjoni, wieħed dejjem jibqa' skantat bl-ammont ta' nies li jiġu sabiex jipparteċipaw f'din il-purċissjoni. Dan hu l-manifest tad-devozzjoni tal-parroċċa lejn id-Duluri li f'din l-okkażjoni ddur lejn il-Madonna u titlobha sabiex tidħol għalina speċjalment fiż-żminijiet ta' għawġ u tbatija. Ma tonqosx ukoll il-parteċipazzjoni tal-fratelli fi ħdan is-sodalità, b'mod speċjali l-fratelli tal-fratellanza tad-Duluri, u kif ukoll l-interess tal-fratelli sabiex ikunu huma nfushom illi jġorru fuq spallejhom il-vara tad-Duluri madwar it-toroq tal-parroċċa tagħna.

## Lil hinn mit-tifkira tad-Duluri...

Il-ħidma fi ħdan il-fratellanza tad-Duluri ma tispiċċax mal-festi tad-Duluri, però din tissokta fl-attivitajiet u l-purċissjonijiet kollha li tkun involuta fihom is-Sodalità San Sebastjan, fejn hawn narawha flimkien mal-fratellanzi l-oħrajn preżenti fil-parroċċa, ħalli barra dik tas-Santissmu Sagrament, u dik tal-Madonna tar-Rużarju. Tliet fratellanzi li ngħaqdu ħaġa waħda taħt l-isem Sodalità San Sebastjan. Ta' min isemmi li l-fratellanzi fil-parroċċa tagħna kienu raw tnaqqis kbir fl-ammont tal-fratelli li maż-żmien bilkemm kien ikun hemm fratelli biżżejjed sabiex jinħarġu l-affarijiet għall-purċissjonijiet li jsiru fil-parroċċa. Illum għall-grazzja ta' Alla nistgħu naraw kif il-fratellanzi reġgħu ħadu r-ruħ; ruħ li tfur bl-entużjażmu kull darba li l-fratelli jiġu msejħa għas-servizz tagħhom fil-parroċċa. Hawn ta' min wieħed iżomm f'moħħu x'inhu l-iskop tal-fratellanzi, li minbarra li jieħdu ħsieb il-purċissjonijiet u fl-istess ħin ikollhom kura tal-vari u affarijiet oħrajn li jintużaw waqt il-purċissjonijiet, l-iskop ewlieni tagħhom huwa li jkabbru u jxerrdu d-devozzjoni fil-komunità fejn ikunu qegħdin joperaw.

Jalla dan l-anniversarju li qed tfakkar il-Fratellanza tad-Duluri, ma jservix biss ta' tifkira fil-kalendarju, iżda jkun ta' mezz għal kull wieħed u waħda minna sabiex niftakru li fil-ħajja ta' kuljum ser niltaqgħu ma' diffikultajiet, iżda għandna nżommu dejjem f'moħħna li sabiex niffaċċjawhom aħna m'aħniex waħedna. Nixtieq nieħu din l-okkażjoni wkoll sabiex nawgura l-festa t-tajba lill-Qriema Bastjaniżi kollha kif ukoll nawgura lis-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan għall-anniversarju li qiegħda tiċċelebra din is-sena. Jalla dawn l-anniversarji li qegħdin infakkru jkunu ta' kuraġġ għalina sabiex nibqgħu dejjem naħdmu għall-parroċċa għażiża tagħna.